



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 7.11.2005
KUMM(2005) 544 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI
RAPPORT ANNWALI DWAR IL-FOND TA' KOEŻJONI (2004)

{SEG (2005)1396}

WERREJ

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI RAPPORT ANNWALI DWAR IL-FOND TA' KOEŻJONI (2004).....	3
1. Eżekuzzjoni tal-baġit.....	3
2. Ambjent ekonomiku u kundizzjonalità.....	7
3. L-adeżjoni ta' l-għaxar pajjiżi kandidati.....	8
4. Koordinazzjoni mal-politika ta' trasport u ambjent.....	9
4.1. Trasport.....	9
4.2. Ambjent.....	9
5. Spezzjonijiet u konklużjonijiet.....	10
6. Irregolaritajiet u sospensjoni ta' l-għajnuna.....	10
7. Evalwazzjoni.....	11
8. Informazzjoni u pubbliċità.....	12

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

RAPPORT ANNWALI DWAR IL-FOND TA' KOEŻJONI (2004)

Dan ir-rapport huwa ppreżentat f'konformità ma' l-Artikolu 14.1 tar-Regolament (KE) Nru 1164/1991 li jistabbli l-Fond ta' Koeżjoni. Ir-rapport ikopri l-attivitajiet tal-Fond ta' Koeżjoni matul l-2004.

1. EŻEKUZZJONI TAL-BAĠIT

Riżorsi tal-Fond ta' Koeżjoni disponibbli bħala impenn fl-2004 ammontaw għal € 2 723 606 000 (prezzijiet ta' l-1999) għat-3 Stati Membri ta' l-EUR 15 (Portugall, Spanja, Greċja), u € 2 897 000 000 fil-prezzijiet ta' l-1999 għall-10 Stati Membri ġodda. Bħala riżultat tat-tkabbir tal-GNI tagħha fuq kull persuna, l-Irlanda m'għadhiex eliġibbli skond il-Fond ta' Koeżjoni sa mill-1 ta' Jannar 2004. Dawn l-ammonti jinkludu kreditu ta' għajjnuna teknika (€ 1 001 118 għat-3 Stati Membri "qodma", u € 1 500 000 għall-10 Stati Membri ġodda).

L-appropriazzjonijiet ta' impenn kienu użati kważi kollha (99,96%) b'€ 2 084 326 biss tat-total immexxija għall-2005.

Implimentazzjoni ta' l-impenni fl-2004 (f'euro)

Appropriazzjonijiet ta' l-impenni	Bidu	Ċaqliq	Riżorsi finali	Riżultat	Imħassra	Immexxija għall-2005
Baġit 2004	2 784 500 000	2 835 258 341	5 619 758 341	5 619 403 018	355 322	2 084 326
Appropriazzjonijiet et immexxija mill-2003	3 377 996	0	3 377 996	3 377 996	0	0
Appropriazzjonijiet et li reġgħu saru disponibbli	7 413 307	0	7 413 307	7 413 307	0	0
Ħlas lura	0	0	0	0	0	0
Totali	2 795 291 303	2 835 258 341	5 630 549 644	5 630 194 321	355 322	2 084 326

Total ta' €134,8 miljun ta' appropriazzjonijiet ta' ħlas ġie trasferut għall-Fond ta' Koeżjoni. Meta jitqies dan it-trasferiment, xi 95,16 % ta' l-appropriazzjonijiet tal-ħlas ġew implimentati fl-2004.

Implimentazzjoni tal-ħlasijiet fl-2004 (f'euro)

Approprjazzjonijiet tal-ħlas	Bidu	Ċaqliq	Riżorsi finali	Riżultat	Imħassra	Immexxija għall-2005
Baġit 2004	2 641 600 000	134 811 585	2 776 411 585	2 642 101 718	134 309 867	0
Approprjazzjonijiet immexxija mill-2003	0	0	0	0	0	0
Approprjazzjonijiet li reġġu saru disponibbli	0	0	0	0	0	0
Ħlas lura	0	0	0	0	0	0
Totali	2 641 600 000	134 811 585	2 776 411 585	2 642 101 718	134 309 867	0

Implimentazzjoni tal-baġit ta' l-appropriazzjoni fl-2004 mill-Istati Membri

Approprjazzjonijiet ta' l-impenn fl-2004 (f'euro)

Stat Membru	Ambjent		Trasport		Imħallta	Total	
	Ammont	% Ambjent.	Ammont	% Trasp.	Ammont	Ammont	%
España	724 068 354	42,6	977 541 835	57,4	1 101 600	1 702 711 789	30,3%
Ellada	296 658 028	55,4	239 009 533	44,6	-	535 667 561	9,5%
Portugal	261 887 832	54,6	217 955 247	45,4	-	479 843 079	8,5%
Kypros	-	0	18 257 000	100	-	18 257 000	0,3%
Ceska Republika	171 710 713	54,2	144 816 038	45,8	371 280	316 898 031	5,6%
Eesti	65 595 930	62,1	31 561 105	37,9	8 539 200	105 696 235	1,9%
Magyarország	188 216 500	50,0	188 216 500	50,0	-	376 433 000	6,7%
Latvija	80 196 588	42,2	102 876 822	57,8	6 892 365	189 965 775	3,4%
Lietuva	45 991 729	21,9	148 920 771	78,1	14 659 500	209 572 000	3,7%
Malta	7 418 000	100	-	0	-	7 418 000	0,1%
Polska	698 528 072	49,4	707 162 832	50,6	8 947 500	1 414 368 404	25,2%

Stat Membru	Ambjent		Trasport		Imħallta	Total	
	Ammont	% Ambjent.	Ammont	% Trasp.		Ammont	Ammont
Slovensko	125 556 724	65,1	67 417 276	34,9	-	192 974 000	3,4%
Slovenia	19 295 525	29,7	45 605 942	69,3	45 000	64 946 467	1,2%
Għajnuna Teknika	-	-	-	-	4 381 678	4 381 678	0,1%
Total	2.685.123.995	48,2*	2.889.340.901	51,8*	44.938.123	5.619.403.018	100%

* ammonti mħallta ma ttiħdux f'kunsiderazzjoni

Appropriazzjonijiet tal-ħlasijiet fl-2004 (f'euro)

Iċ-ċifri għall-Istati Membri l-ġodda jirreferu biss għall-pagamenti ta' proġetti adottati taħt il-Fond ta' Koeżjoni sa mill-1 ta' Mejju 2004 (i.e. ma tittiħidx f'kunsiderazzjoni l-għajnuna ta' qabel l-adeżjoni għall-proġetti ta' l-ISPA). It-teini tabella hawn taħt turi l-ħlasijiet li saru fl-2004 f'konnessjoni mal-proġetti ISPA adottati qabel l-adeżjoni.

Stat Membru	Ambjent		Trasport		Imħallta	Total	
	Ammont	% Ambjent.	Ammont	% Trasp		Ammont	Ammont
España	1 052 792 007	54,3	886 931 978	45,7	3 084	1 939 727 070	73,4%
Ellada	85 219 745	24,3	265 538 804	75,7	1100	350 759 649	13,3%
L-Irlanda	8 179 679	31,6	17 669 517	68,4	0	25 849 196	1,0%
Il-Portugall	123 130 259	38,9	193 354 445	61,1	0	316 484 704	12,0%
Kypros	0	-	0	-	0	0	-
Ceska Republika	0	-	0	-	0	0	-
Eesti	0	-	0	-	0	0	-
Magyarország	0	-	0	-	0	0	-
Latvija	0	-	0	-	0	0	-
Lietuva	0	-	3 719 306	100	0	3 719 306	0,1%
Malta	0	-	0	-	0	0	-
Polska	0	-	2 486 700	100	0	2 486 700	0,1%

Stat Membru	Ambjent		Trasport		Imħallta	Total	
	Ammont	% Ambjent.	Ammont	% Trasp		Ammont	Ammont
Slovensko	244 720	15,5	1 335 490	84,5	0	1 580 210	0,1%
Slovenia	0	-	0	-	0	0	-
Għajnuna Teknika	0	-	0	-	1 494 883	1 494 883	0,1%
Total	1 269 566 410	48,1*	1 371 036 240	51,9*	1 499 067	2 642 101 718	100%

* ammonti mħallta ma ttiħdux f'kunsiderazzjoni

Għat-tielet sena, raġa' kien hemm tendenza favur il-proġetti fis-settur tat-trasport, minkejja li f'mod anqas prominenti mis-sentejn ta' qabel.

Stati Membri Ġodda – Ħlasijiet li saru fl-2004 f'konnessjoni mal-proġetti ISPA ta' qabel

Stat Membru	Ambjent		Trasport		Total
	Ammont	% Ambjent.	Ammont	% Trasp.	
Ceska Republika	17 801 156	26,5	49 355 929	73,5	67 157 085
Eesti	10 196 374	42,7	13 675 285	57,3	23 871 659
Latvija	9 844 972	42,2	13 490 711	57,8	23 335 683
Lietuva	3 948 533	27,5	10 395 195	72,4	14 343 728
Magyarország	25 960 588	71,9	10 122 098	28,1	36 082 686
Polska	80 792 048	36,6	139 872 597	63,4	220 664 645
Slovenia	6 024 627	78,9	1 611 175	21,1	7 635 802
Slovensko	17 390 376	46,6	19 933 084	53,4	37 323 460
Għajnuna Teknika					68 076
TOTAL	171 958 668	40,0	258 456 071	60,0	430 482 824

L-akbar sforz biex jiġu ċċarati approprjazzjonijiet pendenti dwar azzjonijiet li bdew qabel l-2000 tkompla: total ta' 50 proġett intemmu fl-2004. Xi 33,4% ta' l-approprjazzjonijiet pendenti li kien hemm fil-bidu tas-sena tħallsu jew kienu soġġetti għat-tħollija mill-impenn fl-2004. Sa l-aħħar ta' l-2004, approprjazzjonijiet pendenti kienu niżlu għall-15% biss tal-baġit annwali tal-Fond ta' Koeżjoni (meta mqabbla ma' aktar minn nofs fl-aħħar ta' l-2002 u 39% fl-aħħar ta' l-2003). Dan l-isforz biex

jitnaqqsu approprjazzjonijet pendenti għandu jinżamm għaddej fl-2005 fi sħab ma' l-awtoritajiet nazzjonali li huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-proġett u t-talbiet ta' ħlas relatati.

Ħlas ta' l-impenn fl-2004 għall-perjodu 1993-99 (f'euro)

Stat Membru	Ammont tal-bidu li jrid jitħallas	Tħollija mill-impenn	Ħlasijiet	Ammont finali li jrid jitħallas
España	650 933 534	4 952 169	268 409 585	377 571 780
Ellada	424 708 187	86 288 597	29 744 454	308 675 136
Ireland	51 096 704	0	4 037 714	47 058 990
Portugal	139 854 914	5 852 657	23 728 888	110 273 369
Total	1 266 593 339	97 093 423	325 920 642	843 579 275

2. AMBJENT EKONOMIKU U KUNDIZZJONALITÀ

Ir-Regolament tal-Kunsill dwar il-Fond tal-Koeżjoni¹ jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-Finanzjament mill-Fond f'dak li għandu x'jaqsam mat-tmexxija makro-ekonomika. L-ebda proġetti ġodda, jew fil-każ ta' proġetti kbar, l-ebda stadji ta' proġetti ġodda ma jistgħu jiġu ffinanzjati jekk il-Kunsill isib li Stat Membru ma implimentax l-istabilità tiegħu jew il-programm ta' konverġenza b'tali mod li jiġi evitat defiċit eċċessiv.

Fl-2004, seba' Stati Membri benefiċjarji taħt il-Fond ta' Koeżjoni, inklużi sitt Stati Membri ġodda, ġew ikkunsidrati li kellhom defiċit eċċessiv.

Għas-sitt Stati Membri ġodda kkonċernati, (ir-Repubblika Ċeka, Ċipru, l-Ungerija, Malta, il-Polonja u s-Slovakkja), il-Kunsill iddeċieda fil-5 ta' Lulju 2004 li kienu f'defiċit eċċessiv u rakkomanda li dan jiġi rranġat sa l-2005 (Ċipru), l-2006 (Malta), l-2007 (il-Polonja u s-Slovakkja) u l-2008 (ir-Repubblika Ċeka u l-Ungerija). Fit-22 ta' Diċembru 2004, il-Kummissjoni kkonkludiet li kollha barra l-Ungerija kienu ħadu azzjoni effettiva b'reazzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill, għalhekk f'dak il-waqt ma kienx hemm bżonn ta' aktar passi taħt l-EDP. F'Jannar 2005, il-Kunsill wasal għal l-istess konklużjoni. Dwar l-Ungerija, il-Kunsill stabbilixxa fit-18 ta' Jannar 2005 li l-Ungerija ma kienet ħadet l-ebda azzjoni effettiva b'reazzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill u fit-8 ta' Marzu adotta rakkomandazzjoni ġdida tal-Kunsill, li talbet lill-Ungerija biex tiegħu azzjoni effettiva sat-8 ta' Lulju 2005 dwar il-miżuri addizzjonali sabiex tilħaq il-mira tad-defiċit ta' l-2005.

Il-Kunsill iddeċieda li fil-5 ta' Lulju 2004 kien jeżisti defiċit eċċessiv fil-Greċja u rakkomanda li dan jitranġa sa l-2005. Il-Kunsill iddeċieda fit-18 ta' Jannar 2005 li l-Greċja ma kienet ħadet l-ebda azzjoni effettiva dwar din ir-rakkomandazzjoni u fis-

¹ Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 kif emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1264/99.

17 ta' Frar adotta deċiżjoni li biha ta avviż lill-Greċja biex tieħu miżuri biex issewwi din is-sitwazzjoni. Il-Kunsill irrakomanda implimentazzjoni tal-baġit b' mod rigoruż għall-2005 kif ukoll aġġustament addizzjonali ta' mill-anqas 0,6% tal-GDP fl-2006, b' aġġornament ġdid tal-programm Grieg ta' stabbiltà li għandu jiġi ppreżentat fil-21 ta' Marzu 2005 u b' limitu ta' żmien sabiex jieħu l-miżuri addizzjonali mitluba fil-21 ta' Marzu. Il-Kunsill reġa' analizza s-sitwazzjoni tal-Greċja fit-12 ta' April 2005 dwar il-bażi tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' April. Il-Kunsill ikkonkluda li l-gvern Grieg qiegħed jieħu azzjoni effettiva dwar l-avviż tal-Kunsill.

3. L-ADEŻJONI TA' L-GĦAXAR PAJJIŻI KANDIDATI

Ma' l-adeżjoni fl-1 ta' Mejju 2004, it-8 Stati Membri ġodda li qabel kienu jibbenefikaw mill-ISPAs, flimkien ma' Ċipru u Malta, laħqu l-kriterji mitluba biex ikunu eliġibbli għall-Fond ta' Koeżjoni.

Il-proġetti li qabel kienu adottati taħt l-istrument finanzjarju ISPA ġew awtomatikament trasformati fi proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni, u minn dak iż-żmien 'l hawn huma mmexxija mir-regoli tal-Fond ta' Koeżjoni.

Għall-2004-06, €24 biljun (prezzijiet attwali) kienu ppjantati għall-ghajjnuna strutturali fl-10 Stati Membri ġodda li daħlu fl-UE, li minnhom aktar minn terz (€8.5 biljun) ġie allokat għal Fond ta' Koeżjoni.

Tabella: *Allokazzjonijiet tal-Fond ta' Koeżjoni lill-pajjiżi li ssieħbu fl- 2004-06:*

Pajjiż	Allokazzjonijiet fuq firxa medja (€ miljun – prezzijiet ta' l-2004)
Kypros	53,94*
Ceska Republika	936,05
Eesti	309,03
Magyarország	1 112,67
Latvija	515,43
Lietuva	608,17
Malta	21,94
Polska	4 178,60
Slovensko	570,50
Slovenia	188,71
Total	8 495,04

* Inkluż l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (FIFG)

4. KOORDINAZZJONI MAL-POLITIKA TA' TRASPORT U AMBJENT

4.1. Trasport

Fl-2004, is-settur ta' trasport kien responsabbli għal ftit aktar minn nofs (51.8%) tat-total ta' l-impenji tal-Fond ta' Koeżjoni. Hekk kif ġara fil-passat, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri sabiex tati preferenza partikolari lill-proġetti ferrovjali. Il-proġetti adottati fl-2004 mill-Istati Membri huma stipulati fl-Anness.

Il-Fond ta' Koeżjoni jipprovdi fondi speċifikament għan-netwerks ta' infrastruttura ta' trasport li għandhom x'jaqsmu man-netwerks trans-Ewropej. Koordinazzjoni tajba bejn il-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni hija importanti sabiex tiżgura konsistenza bejn ir-reġjuni ċentrali tal-Komunità u daww ir-reġjuni li huma strutturalment żvantaġġati minħabba l-qagħda insurali, periferali tagħhom jew għax imdawrin bl-art.

Id-Deċiżjoni riveduta dwar il-Linji ta' Gwida tal-Komunità għall-iżvilupp ta' netwerk ta' trasport Ewropew ġiet adottata mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fid-29 ta' April 2004. Id-Deċiżjoni speċifikat 30 proġett ta' prijorità ta' interess Ewropew bi spiża ta' madwar € 225 biljun. Id-Deċiżjoni ssejjaħ lill-Istati Membri biex jagħtu prijorità lil dawn il-proġetti. Tistaqsi lill-Istati Membri kkonċernati biex jagħtu attenzjoni partikolari lil dawn il-proġetti taħt il-Fond ta' Koeżjoni u b'mod aktar ġenerali taħt il-Fondi Strutturali.

Wara l-adeżjoni ta' l-Istati Membri fl-1 ta' Mejju 2004 il-Kummissjoni eżaminat is-sitwazzjoni infrastrutturali fin-netwerk trans-Ewropew, b'mod partikolari l-ispiża tat-30 proġett ta' prijorità u proġetti bħal ERTMS u SESAME², u l-iffinanzjar tagħhom. [Fil-perspettivi finanzjarji għal perjodu 2007-2013, il-Kummissjoni pproponiet żieda fir-rata massima ta' ko-finanzjament, wara l-pubblikazzjoni f'Lulju 2004 ((COM) 475-2004) ta' l-analiżi fil-fond tagħha tal-qafas finanzjarju tat-TEN.]

4.2. Ambjent

Is-sena 2004 kienet importanti għall-proġetti ambjentali li ammontaw għal anqas minn nofs (48,2%) ta' l-impenji totali tal-Fond ta' Koeżjoni. Il-prijoritajiet f'dan is-settur baqgħu l-provvista ta' l-ilma tajjeb għax-xorb u t-trattament ta' ilma mniġġes u ta' l-iskart solidu. Il-Fond ta' Koeżjoni jikkontribwixxi għall-għanijiet tal-Komunità f'raba ma' żvilupp sostenibbli, speċjalment dwar it-tmexxija ta' riżorsi naturali, skart u bidliet fil-klima. Il-proġetti u l-operazzjonijiet adottati fl-2004 mill-Istati Membri huma stipulati fl-Anness.

Il-Fond ta' Koeżjoni kkontribwixxa għall-iżvilupp ta' l-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni ambjentali, mhux biss permezz ta' l-iffinanzjar dirett ta' l-infrastrutturi, iżda wkoll billi jipprovdi inċentivi li jħeġġu l-applikazzjoni ta' direttivi bħala parti mill-prekundizzjonijiet għall-għotja ta' appoġġ. Dan jikkonċerna interventi tematiċi bħall-immaniġjar ta' l-iskart solidu u ta' l-ilma mniġġes u l-istudju dwar l-impatt fuq l-ambjent (EIA).

² ERTMS : Sistema Ewropea ta' Ġestjoni ta' Traffiku Ferrovjali. SESAME : Programm Waħdieni Ewropew tal-Modernizzazzjoni tat-Tmexxija tat-Traffiku ta' l-Ajru.

L-Istati Membri l-ġodda poġġew it-tmexxija ta' l-iskart solidu u l-ilma mniġġess bħala prijorit  importanti għall-infiq. Bżonnijiet ta' investiment u infrastruttura jibqgħu għolja fil-maġġoranza tal-każijiet f'oqsma bħal pereżempju skart solidu u ilma mniġġes (b'mod partikolari trattament urban ta' l-ilma mniġġes), iżda wkoll fl-oqsma ta' kwalit  ta' l-arja u l-isforz biex jitnaqqas it-tniġġis industrijali. Appoġġ għall-infrastruttura ambjentali taħt il-Fond ta' Koeżjoni huwa għalhekk importanti għall-Istati Membri l-ġodda.

5. SPEZZJONIJIET U KONKLUŻJONIJIET

Fl-Irlanda, Spanja, il-Greċja u l-Portugall, twettqu 10 missjonijiet ta' proġetti ta' verifika u 6 missjonijiet ta' verifika ta' sistemi ta' tmexxija u kontroll .

Fuq livell ta' proġett, in-nuqqasijiet ewlenin osservati kienu dwar il-proċeduri għall-ġhoti ta' kuntratti pubbliċi, minkejja li s-sitwazzjoni hija differenti bejn l-Istati Membri kkonċernati. F'dak li għandu x'jaqsam mas-sistemi stabbiliti mill-Istati Membri biex iwettqu t-talbiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1386/2002 dwar sistemi ta' tmexxija u kontrolli, inkiseb progress fl-2004, minkejja li xi diffikultajiet ġew identifikati fl-2003 fil-Greċja, fi Spanja u fil-Portugall u ġew mgħarrfa lill-awtoritajiet nazzjonali fil-qafas tas-sħubiji.

L-għaxar Stati Membri ġodda kollha ttrażmettew id-deskrizzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tagħhom lill-Kummissjoni, li sabet li kienu f'konformit  ma' l-istandards miltuba mil-leġislażzjoni tal-Komunit . Dawn l-opinjoniġiet favorevoli jissuġerixxu li kien hemm bidu tajjeb sabiex jitwaqqfu s-sistemi l-aktar xierqa ta' implimentazzjoni, li se jkunu soġġetti għal aktar kontrolli mill-Kummissjoni fis-snin li ġejjin. Għalhekk fl-2005, skond l-istrateġija ta' verifika tad-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjunali, se jkun hemm kontrolli fuq il-post, u testijiet ta' konformit  li jsiru b'mod każwali fuq kampjuni tal-proġetti magħżula. It-testijiet se jsiru fl-għaxar Stati Membri ġodda kollha.

Għaxar missjonijiet ta' proġetti ta' verifika twettqu fil-Latvja, fl-Ungerija, fl-Estonja, fil-Polonja, fir-Repubblika Ċeka, fl-Islovakkja u fl-Islovenja. Dawn il-verifiki primarjament koperew l-eżaminazzjoni tal-flussi finanzjarji tal-proġetti u l-konformit  mar-regoli ta' l-eligibilit  tan-nefqa.

6. IRREGOLARITAJIET U SOSPENSJONI TA' L-GĦAJNUNA

Skond l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1831/94³ (dwar irregolaritajiet u rkupru ta' l-ammonti mħallsa aktar milli meħtieġ mill-Fond ta' Koeżjoni u l-organizzazzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni), l-Istati Membri benefiċjarji għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe każ ta' irregolarit  soġġetti għall-ewwel att amministrattiv jew att legali uffiċjali.

Għal 2004⁴, tliet Stati Membri mill-erba' "qodma", partikolarment il-Greċja, Spanja u l-Portugall, għarrfu lill-Kummissjoni dwar total ta' 275 każ ta' irregolaritajiet (262,

³ ĠU L 191, 27.07.1994, p.9

⁴ Sitwazzjoni ta' l-14.03.05; dawn iċ-ċifri għad ma fihomx it-tagħrif tar-4 kwart ta' l-2004.

1 u 12 rispettivament). L-Irlanda infurmat lill-Kummissjoni skond ir-Regolament imsemmi hawn fuq, li kienet għadha ma rreġistratx irregolaritajiet matul l-2004. Il-każijiet ikkomunikati mill-awtoritajiet Griegi kien fihom il-€ 126 058 589 f'kontribuzzjonijiet tal-Komunità. Il-maġġoranza tal-każijiet kellhom x'jaqsmu ma' irregolaritajiet taħt forma ta' falliment biex jirrispettaw bis-sħiħ ir-regoli dwar xiri pubbliku u għall-bqija taħt forma ta' nefqa mhux eliġibbli. Il-każ ikkommunikat mill-awtoritajiet Spanjoli involva € 384 407 u t-12-il każ mġharrfa mill-awtoritajiet Portugiżi involvew € 22 234 344 tal-kontribuzzjoni tal-Komunità. Barra minnhekk, tnejn mill-Istati Membri ġodda, il-Polonja u l-Latvja, għarrfu lill-Kummissjoni b'total ta' sitt każijiet ta' irregolaritajiet (5 u 1 rispettivament). Il-każijiet mġharrfa mill-awtoritajiet Pollakki involvew €802 426 f'kontribuzzjoni tal-Komunità u l-każ mġharraf mil-Latvja kien ta' €1 273. It-tip ta' irregolaritajiet li nstabu kienu ta' l-istess tip imsemmi hawn fuq.

7. EVALWAZZJONI

Lejn l-aħħar ta' l-2004, id-DĠ tal-Politika Reġjunali nieda djalogu ma' l-Istati Membri benefiċjarji tal-Fond ta' Koeżjoni dwar il-“kapaċità ta' kwalità ta' assigurazzjoni” (QAC). Il-Kummissjoni pprovdiet deskrizzjoni, ibbażata mill-qrib fuq it-talbiet tar-regolament, tal-funzjonijiet li għandhom jiġu eżegwiti qabel applikazzjoni tasal għand il-Kummissjoni. L-Istati Membri ġew mistiedna jagħmlu studju fuqhom infushom dwar l-eżekuzzjoni tal-mekkaniżmi eżistenti matul l-amministrazzjoni ta' tagħlim bil-għan li jidentifikaw kull ostaklu potenzjali għal preparazzjoni tal-proġetti. Fid-dawl ta' dan it-tip ta' studju, proposti rilevanti ta' għajjnuna teknika jistgħu jiġu proposti għal kofinanzjament qabel it-tmiem tal-perjodu ta' l-2000-2006.

Skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1164/94, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-effettività ta' l-għajjnuna tal-Komunità waqt l-implimentazzjoni tal-proġetti kofinanzjati mill-Fond ta' Koeżjoni. Dan jimplika l-użu ta' tekniki ta' monitoraġġ u evalwazzjoni. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jwettqu rapport u evalwazzjoni tal-proġetti fejn meħtieġ f'kooperazzjoni mal-Bank Ewropew ta' l-Investment.

Fuq livell metodoloġiku, kull applikazzjoni ta' proġett hija konsegwentement akkumpanjata ma' analiżi ta' kemm jaqbel (CBA). Is-CBA għandha turi li l-benefiċċji soċjo-ekonomiċi identifikati fuq firxa medja jaqblu ma' l-appoġġ finanzjarju pprovdut. F'idejn il-Kummissjoni sabiex teżamina din l-evalwazzjoni bil-għajjnuna tal-gwida ta' l-analiżi ta' kemm jaqbel ipubblikata fl-2003⁵ li hija referenza komuni użata kemm mill-isponsors tal-proġett kif ukoll mill-Kummissjoni nnifisha.

F'Jannar 2004, DĠ REGIO nieda evalwazzjoni ex-post ta' kampjun ta' 200 proġett ko-ffinanzjat mill-Fond ta' Koeżjoni (1993-2002) fil-Greċja, Spanja, l-Irlanda u l-Portugall. Ir-rapport imħallat u l-erba' studji tal-pajjiżi ġew iffinalizzati f'Jannar 2005, wara kooperazzjoni mill-qrib mas-servizzi direttament ikkonċernati tal-Kummissjoni. Ir-riżultati prinċipali huma ppreżentati fl-Anness (punt 5.4.).

⁵ http://europa.eu.int/comm/regional_policy/sources/docgener/guides/cost/guide02_fr.pdf

8. INFORMAZZJONI U PUBBLIĊITÀ

Żewġ laqgħat ta' informazzjoni li ġabru flimkien il-25 Stat Membru saru fi Brussell, fl-24 ta' Ġunju u l-24 ta' Novembru 2004. Fil-laqgħa ta' Novembru 2003, bosta delegazzjonijiet esprimew ix-xewqa li jaraw id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 96/455/KEE tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar informazzjoni u miżuri ta' pubbliċità għas-CF riveduti mis-servizzi tal-Kummissjoni. Filfatt, huma saħqu li ċerti miżuri sfaw wisq kumplikati biex jiġu implimentati u xi dispożizzjonijiet sfaw wisq inkonsistenti mar-Regolament Nru 1164/94 kif rivedut fl-1999. Regolament tal-Kummissjoni ġie imbgħad adottat f' April 2004⁶, biex jissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-1996.

Bil-għan li tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament il-ġdid, karta ta' spjega tal-fatti ġiet ippubblikata fuq il-website ta' l-Inforegio http://europa.eu.int/comm/regional_policy/sources/docoffic/official/regulation/regpub_fr.htm taħt is-superviżjoni tad-Direttorat Ġenerali għal Politika Reġjunali. Għall-istess għan, ir-regolament ġie ukoll ippreżentat fil-maġazin ta' DĠ Regio Inforegio Panorama (N.14-Settembru 2004), fejn set sħiħ ta' artikli kienu ddedikati għal Fond ta' Koeżjoni.

Barra minn hekk, sabiex tiġi pprovduta informazzjoni bażika dwar il-Fond ta' Koeżjoni għal pubbliku ġenerali, id-DĠ tal-Politika Reġjunali aġġorna l-websajt ta' referenza tal-Fond ta' Koeżjoni (http://europa.eu.int/comm/regional_policy/funds/procf/cf_en.htm). Is-sit ilu jaħdem sa mir-rebbiegħa ta' l-2005, u issa jipprovdi links għal dokumenti legali, data finanzjarja, mapep u eżempji ta' proġetti fid-19 il-lingwa Komunitarja kif ukoll bil-Bulgariz u bir-Rumen.

⁶ Regolament tal-Kummissjoni (KE) nru 621/2004 "li jistipula r-regoli biex jiġi implimentat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) nru 1164/94 dwar informazzjoni u miżuri ta' pubbliċità dwar l-attivitajiet tal-Fond ta' Koeżjoni", l-1 ta' April 2004